MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru 842/2005

Il-Pulizija
(Spettur Ian Abdilla)

vs

Hector Carter et

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Hector Carter, Charles Cini, Marco (Marco Antonio) Attard u Alexander Farrugia ta’ karta ta’ identita’ 953750M, 103479M, 491976M u 438377M rispettivament, akkuzati talli:

A. f’Mejju 2003 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’diversi postijiet gewwa Malta kif ukoll barra minn Malta, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
1. ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;
2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appartenew ghal ghaqda msemmija fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa.

B. Kontra Hector Carter, Charles Cini u Marco (Marco Antonio) Attard wehidhom, talli:
F'Mejju 2003 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Malta, b'diversi atti
maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew
maghmula b'risoluzzjoni wahda:
4. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn Lm10,000 ghad-dannu ta' diversi persuni, banek kummercjali u kumpaniji ohra;
5. f'l-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu l-konsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll tali xjentement ghamlu uzu minnhom;
6. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'titolu fl-iskrittura jew fil-firem billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi

dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

7. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

C. Kontra Marco (Marco Antonio) Attard u Alexander Farrugia wehidhom talli:

F'Mejju 2003 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'diversi postijiet gewwa Malta b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

8. minhabba l-istat, professjoni jew kariga taghhom kienu saru d-depositarji ta' sigriet li kien gie fdat lilhom, kixfu dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligahom jgharrfu lill-awtorita' pubblika;

D. Kontra Hector Carter wahdu talli:

F'Mejju 2003 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi postijiet gewwa Malta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jikrsu l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

9. bena, biddel, ghamel, ippossjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista' jikkonnetti kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni.

Aktar, fil-konfront ta' Hector Carter u Charles Cini li saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u
50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)
liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna l-
konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-konfront ta' kull imputat li bis-sentenza tal-lum ser ikun ggudikat u li permezz tieghu u skond ic-citati artikoli tal-ligi tal-Avukat Generali baghat lill-imputati odjerni sabiex jigu ggudikati minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputati kollha jghatu l-kunsens taghhom sabiex jigu hekk gudikati;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;
Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet huma segwitu ghal sitt istruzzjonijiet destinati ghal tlett Banek ewlenin f'Malta, ossija il-BOV (il-fergha internazzjonali taghha), il-Lombard Bank u l-HSBC, liema istruzzjonijiet kienu jitolbu lill-dawn il-Banek biex jittrasferixxu ammonti sostanzjali ta' flus f'dollari Amerikani minn fuq kontijiet bankarji Maltin ghal go kontijiet bankarji esteri, senjatament fl-Albanija u Montenegro. L-imputati huma akkuzati fil-parti preliminari tal-imputazzjonijiet li ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda bejniethom bil-hsieb li jwettqu tali ingann u frodi dirett lejn l-imsemmija banek u l-proprjetarji tal-kontijiet bankarji b'hekk li iffurmaw bejnithom u assocjaw ruhhom ma' persuni barra minn Malta ghat-twettiq tad-delitt.

Intant, l-imputazzjonijiet jolqtu l-perjodu qabel Mejju 2003. Ukoll, ghalkemm l-imputazzjonijiet ghandom matrici wahda jiddiferenzjaw bejn imputat u iehor skont l-allegat sehem u agir fil-konfront ta' kull wiehed minnhom.

Dana l-gudikat jolqot lill-imputati Hector Carter, Charles Cini u Alexander Farrugia Wismayer, stante li kontra l-imputat Marco (Marco Antonio) Attard, fuq talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tieghu, huwa gie sgancjat mill-bqija tal-imputati odjerni u l-kawza kontra tieghu giet deciza, fuq ammissjoni tieghu, fis-6 ta' Ottubru 2008.

Fil-konfront tal-akkuzi li qeghdin jiffaccaw l-odjerni imputati dawn jikkonsistu fis-segwenti:
(a) kontra l-imputat Hector Carter: it-truffa, l-falsifikazzjoni kompriz f'att awtentiku u pubbliku, l-uzu ta' dan il-falz, dhul b'qerq f'sistemi ta' telekomunikazzjoni, u bir-recidiva;
(b) kontra Charles Cini: it-truffa, l-falsifikazzjoni kompriz f'att awtentiku u pubbliku, l-uzu tal-falz, u r-recidiva;
(c) kontra Alexander Farrugia Wismayer: il-kxief ta' sigriet professjonali marbut mal-professjoni u kariga tieghu.

Is-soggetti passivi, ossija l-partijiet lezi, li jirrizultaw bhala vittmi tat–truffa b'falsifikazzjoni huma: bhala persuni fizici certi Ali El Haddar, Edward John Fuchs u l-konjugi Louis u Josephine Cini; bhala entitajiet id-ditta tal-Awidituri Price Waterhouse Cooper, Playmobil u l-Air Malta.

Mill-provi jirrizulta li kien hemm esitu posittiv fir-rigward l-imsemmi Ali El Haddar fil-waqt li l-esitu kien negattiv vis-a-vis l-ohrajn ghajr it-tenattiv li gie soppress minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-intenzjoni ta' min kellu f'mohhu jwettaq ir-reat.

A folio 235 hemm ix xhieda ta' Martin Bajada nominat fl-inkjesta magisterjali bl-inkarigu specifiku sabiex jezamina u jigbor l-istruzzjonijiet fir-rigward numru specifiku ta' trasferimenti allegatament maghmula u ircevuti mill-banek kummercjali imsemmija. L-espert nominat espleta l-inkarigu u esebixxa faxxikolu (folio 237 et seq) kontenenti d-dokumentazjoni li gabar fir-rigward l-istruzzjonijiet u t-trasferimenti li sehhew. Mill-istess rapport jinghad kif gej:
1. dwar il-konjugi Cini (dok.MB6 – relazzjoni perit tekniku): li t-talba ghat-trasferiment ta' mitejn u tmienja u sebghin elf u hamsa u sebghin dollaru Amerikan ($278,075) mill-kont bankarju taghhom ghal fuq kont bankarju esteru saret fit-3 ta' Marzu 2003 preceduta b' talba tal-11 ta' Frar ta' dik is-sena lill-Maltapost biex l-ittri jibdew jigu spediti fl-indirizz 'Kennedy Court', numru 2, Triq il-Bilbel, San Pawl il-Bahar. F'dan l-indirizz fl-14 ta' Marzu 2003 waslet 'telegraphic transfer issuing advice' bl-

liema il-Bank HSBC ikkonferma t-trasferiment tal fuq imsemmija somma. Gara izda li tregga lura minhabba zball fl-isem. Fatturi ohra rilevanti konnessi ma' dan il-kaz huma:

1a - ntuza l-indirizz tal-Qawra li dwaru l-konjugi Cini ma kellhom ebda konnessjoni;

1b - il-beneficarju kellu jkun certu Bulatovic Marc u l-bank destinatarju kien Alco Banka sit f'Belgrad li kien irceva l-facsimile mill-Bank of Valletta fuq il-fax taghhom numru 003811135449320;

1c - dokumenti tal-Maltacom riferenti ghall-fatt li l-uniku abbonat Malti li jirrizulta ghamel kuntatt ma' dan l-ahhar imsemmi numru kien minn numru 2124671 registrat fuq 'World Travel & Tourism Ltd' ta' 12,Triq ix-Xatt, Pieta';

1d - in-numru tat-telefon 21374274 registrat f'isem Mark Attard ta' 'Da Peppino', Triq l-Isturnell Kappara (dan Mark Attard li gia' gie ggudikat);

1e - il-magna tal-fax elevata minn gewwa l-ufficju mikri lill-imputat Hector Carter fil-kumpless ta' officini tal-'World Travel & Tourism';

1f - il-linji vertikali li rrizultaw li thalli l-magna tal-fax u li skont l-espert tekniku huma unici u originaw mill-'wear and tear' taghha;

2. dwar Edward J.Fuchs (dok.MB3 – relazzjoni tal-espert tekniku): it-talba ghat-trasferiment ta' tlett mija sitta u hamsin elf dollaru amerikan ($356,000) saret lill-Bank of Valletta International b'ittra tal-21 ta' Dicembru 2002. Il-beneficarju indikat kellu ikun Marc Bulatovic u l-bank esteru Montenegrin. Bhal fil-kaz precedenti l-Maltapost kienet intalbet tibghat il-korrispondenza fl-indirizz numru 2 'Kennedy Court', Triq il-Bilbel San Pawl il-Bahar ghall-perjodu ta' bejn t-2 ta' Dicembru 2002 u t-30 ta' Gunju 2003. Fuq din it-talba jidher timbru tal-Maltapost b'data tas-19 ta' Dicembru 2002. F'dan il-faxxikolu (l-imsemmi MB3) hemm inserita informazzjoni bankarja ta' l-imputat Alexander Farrugia Wismayer li dak iz-zmien kien impjegat il-Bank of Valletta fil-fergha ta' 'Preluna Towers'. Id-dokumentazjoni fir-rigward tikkonsisti f'indikazzjoni tal-'user code' tal-imputat Wismayer (qua impjegat tal-Bank), referenza tan-numri tal-kontijiet bankarji tieghu, tal-ko-imputat Charles Cini u ta' Mark Cini (mhux imputat) u

transazzjonijiet maghmula bejn jew mir-risultanti kontijiet bankarji rispettivi taghhom.

3. dwar Ali El Haddar (dok. MB1 – relazzjoni tal-espert tekniku): li it-talba ghat-trasferiment ta’ mitejn u hamsin elf dollaru amerikan ($250,000) saret fl-20 ta’ Dicembru 1999 lill-Lombard Bank ghal fuq bank l-Albanija destinatarju kont bankarju intestat fuq LU-AR Co Shpk. Inserit f’dan il-faxxikolu hemm informazzjoni tal-gja ko-imputat Marco Antonio Attard sive Mark Attard li fost ohrajn turi li fl-1999 kien impiegat il-Lombard Bank u kien fuq il-post tax-xoghol, fis-sezzjoni tal-accounts, meta saret it-talba tat-trasferiment tal-flus. F’dan l-impjeg mal-bank baqa’ sal-31 ta’ Jannar 2003 qisu xi hames xhur wara li kien gie ittrasferit fil-fergha tal-istess bank f’Tas-Sliema. Jirrizulta wkoll li nghata linja telefonika fid-19 ta’ Frar 2001 bin-numru 21417080 f ‘United House’, Triq il-Ghenba, Attard.

4. dwar id-ditta tal-awdituri Price Waterhouse Coopers jirrisulta mill-faxxikolu relattiv Dok. MB2 (relazzjoni tal-espert tekniku) li t-talba saret fil-21 ta’ Dicembru 2001 lill-Bank HSBC ta’ Strada Merkanti, l-Belt, sabiex tigi trasferita s-somma ta’ mitejn hamsa u sebghin elf u hames mija u sittin dollari amerikani ($275,650) fuq bank l-Albanija favur ARIS SH.P.K.. Mad-dokumenti esebiti hemm dawk relattati mal-investigazzjoni interna li ghamel il-Bank u relazzjoni tas-Sur Joseph Gaffiero, espert kaligrafiku mqabbad mill-Bank, li attesta ghall-fatt tal-firem foloz tal-ittra lill-Bank mid-ditta.

5. dwar is-socjeta’ Playmobil (dok.MB4 – relazzjoni tal-espert tekniku) segwitu fattura ostensibbilment indirizzata lil Paul Sultana (rappresentant awtorizzat tas-socjeta’) intalab b’ittra lil bank HSBC ta’ Paola tal-21 ta’ Dicembru 2002 sabiex jigi effettwat pagament ta’ mija u tmenin elf hames mija erba u erbghain dollaru Amerikan ($180544) favur Marc Bulatovic f’kont bankarju Montenegrin.

6. dwar is-socjeta’ Air Malta (dok.MB5 – relazzjoni tal-espert tekniku) tirrizulta talba lill- Bank of Valletta ta’ Hal-Luqa datata 23 ta’ Dicembru 2002 sabiex tigi trasferita s-somma ta’ mitejn disa u sittin elf hames mija erba u hamsin dollaru amerikan ($269,554) fuq kont bankarju intestat l-Albanija favur Myrteza Rrapo in virtu ta’ fattura ostensibilment mibghuta minn dan l-ahhar lis-socjeta’.

Illi m’ghandux ikun hemm ebda dubbju li kull talba ricevuta mill-banek lokali kienet falza intiza biex frawdolentement issehh truffa kontra s-sidien personali tal-kontijiet bankarji jew tad-ditti jew socjetajiet rizultanti. Mill-provi in atti jinsab altru li sodisfacjentement pruvat li wkoll kienu ingannevoli u frawdolenti t-talbiet lill-Maltapost ghar-‘re-direction of post’ intizi biex jiffacilitaw it-truffa liema talbiet jirrizultaw komuni fir-rigward il-konjugi Cini u Edward J.Fuchs. Jirrizulta wkoll komuni l-isem Bulatovic Marc fit-truffa ttentata kontra Fuchs, il-Playmobil u l-konjugi Cini, waqt li jirrizulta komuni l-Bank esteru gewwa l-Montenegro fil-konfront ta’ Fuchs u l-Playmobil.

Intant, mill-provi in atti l-allegat involviment tal-imputati jirrizulta filli:

1. fil-konfront ta’ Hector Carter stante li kellu mikri ghandu kamra gewwa l-istabiliment tal-“World Travel and Tourism” munit bl-linja telefonika numru 21242671. Li mill-investigazzjoni rrizulta li l-linja kienet mbghabsa fis-sens li kien hemm tape li kien osservat imwahhal mal-linja; li wkoll kienet giet mill-istess kamra elevata magna tal-fax li rrizulta thalli linji orizontali identici ghal faxes li ntbaghtu fit-19 (festa pubblika) u l-24 ta’ Marzu 2003, ta’ l-ewwel lill-HSBC rikjedenti t-trasferiment tal-flus u t-tieni, fl-apparenza izda mhux fattwalment, mill-Bank HSBC - entrambi fil-konfront tat-truffa ittentata kontra l-konjugi Cini;

2. fil-konfront ta’ Charles Cini huwa gie investigat fuq l-attentat ta’ truffa li saret bi pregudizju tal-konjugi Cini, bhala neputi taghhom, u li rigward tieghu gie maghruf li kellu mikri lilu garaxx ’United House’, Triq l-Gheneb, Attard, b’linja tat-telefon numru 21417080, izda registrata fuq l-gja ko-imputat Mark Attard, li minnhu kienu saru diversi telefonati lin-numru esteru 0038169033038 li l-

utent tieghu baqa' injot u li f'tficcija fil-garaxx (proprjeta' tal-imputat Hector Carter izda mikri lil dan Cini) kienu nstabu dokumenti li ndikaw t-tentattiv ta' ikkuppjar tal-firma tal-konjugi Cini u Fuchs;

3. fil-konfront ta' Alexander Farrugia Wismayer irrizulta li kien impjegat tal-BOV, il-fergha tal-'Preluna Towers', Tas-Sliema, u li fl-10 ta' Dicembru 2003 kien permezz tal-'user code' tieghu acceda ghall-kont ta' Fuchs minn liema kont sar l-attentat ta' frodi a pregudizju ta' dan ta' l-ahhar u fl-liema gurnata jirrizulta li kien presenti gewwa l-bank l-imsemmi imputat Charles Cini li mieghu l-imputat Wismayer kellu relazzjoni ta' negozju.

Ikkonsidrat:

Dwar fatti li jinsabu ppruvati, ghandu jirrizulta li:

- l-istruizzjonijiet ghat-trasferiment ta' flus li rcevew id-diversi banek kienu foloz;
- idem ghall-ittri lill-Maltapost;
- il-kamra/ufficju gewwa l-kumpless 'World Travel & Tourism' ta' numru 11/12, Triq ix-Xatt, Pieta' kien ghamel zmien mikri ghand l-imputat Hector Carter u xhieda tindika li kien mikri ghandu minn circa 2001. Fid-19 ta' Marzu 2003 (festa pubblika b'riferenza ghal fax li ghalih gia' saret riferenza) fic-cert kien mikri lilu;
- minn dan l-ufficju l-Pulizija elevat magna tal-fax bin-numru 21242671 li thalli impronta partikolari ossija zewg linji vertikali u paralleli;
- dwar dan l-ufficju hemm bosta evidenza li tistqarr li kien wkoll jintuza, fil-perjodu inkriminat, mill-gia' ko-imputat Marco Attard;
- dwar l-imputat Charles Cini li hu n-neputi tal-konjugi Cini, (is-soggett passiv tal-attentat fuq il-kont bankarju taghhom,) u kien ghamel zmien impjegat bhala skrivan fil-fabbrika taghhom fejn ukoll f'xi okkazjonijiet kien imur il-gia' ko-imputat Marco Attard, li kien habib tal-imsemmi imputat Cini;
- l-istess Charles Cini kien mithla tal-ko-imputat Hector Carter tali li kien ukoll kera garaxx minghandu, l-'United House', Triq l-Ghenba, Attard, minn fejn il-Pulizija elevat folji dwar dak li jidher bhala tentattiv ta' kkuppjar tal-firem tas-soggetti passiv Fuchs u l-konjugi Cini;

- wkoll f’dan il-garaxx l-imsemmi Marco Attard kien jistiva xi merkanzija relatata ma’ ‘computers’;
- targa’, fil-konfront tal-imsemmi Charles Cini, li hu kien uza s-servizzi tal-BOV Preluna Towers, fejn kien impjegat l-imputat Alexander Farrugia Wismayer, li mieghu kellu xi relazzjoni ta’ negozju apparti li kien jinqeda minnu fil-htigijiet bankarji li kien ikollu;

Huma wkoll ta’ rilevanza dawk in-numri tat-telefon li fl-atti ghandhom xi konnessjoni b’mod jew iehor mal-imputati inklus l-gia’ ko-imputat Marco Attard. Ezami ta’ dawn in-numri juru: dwar n-numru 21417080 li kien installat fil-fond jew garaxx ‘United House’ Triq il-Ghenba, Attard, li kien mikri lill-imputat Charles Cini izda li n-numru tat-telefon kien registrat fuq l-gia’ ko-imputat Marco Attard li kellu registrat f’ismu wkoll telefon cellulari bin-numru 99449144 dwar liema numri jirrizulta li it-tnejn intuzaw fil-kuntatt tan-numru 0038169033038 registrat il-Yugoslavia u wkoll ghan-numru 21642690 ta’ certu Adrian Said (li baqa’ mistur izda li ntqal li kien ghamel xi zmien bhala konslu ghall-Malta f’Albanija u kellu kuntatti tajba f’dak il-pajjiz u l-Yugoslavia); li fil-konfront tan-numri 21678374, 21678212 u 21236725, huma numri tal-fax rispettivament tal-HSBC u BOV li fuqhom waslu l-istruzzjonijiet ghat-trasferimenti ta’ flus mill-kontijiet rispettivi tal-Playmobil, l-Air Malta u Fuchs, u liema faxes kollha originaw mill-Yuogoslavia; li fil-konfront tan-numru 21374274 irrizulta nstallat fil-fond “Da Peppino” Triq l-Istrunell, Kappara fejn kien jirrisjedi l-gja ko-imputat Marco Attard li minnu ntbaghtet il-fax tal-24 ta’ Marzu 2003 lill-HSBC fil-konfront tal-attentat truffa tal-konjugi Cini; li koncernanti n-numru tat-telefon 79458180 dan irrizulta registrat fuq fond u isem inezistenti u kien indikat fil-formula ghal bdil tal-indirizz lill-Maltapost (dak ta’ Kennedy Court, San Pawl il-Bahar) fl-attentat truffa tal-konjugi Cini u Fuchs; fl-ahharnett u fil-konfront tan-numri esteri fil-Yugoslavia 0038169033038 u 003818128600, li ta’ l-ewwel jirrizulta li kien ikkuntatjat kemm minn-numru tal-fond/garaxx ta’ Attard, kemm minn-numru cellular tal-gja ko-imputat Marco Attard u min-numru 21642690 u 99439911 tal-imsemmi Adrian Said.

Issa fil-kawza gie prodott l-gia’ ko-imputat Marco Attard li, kif intqal il-kawza tieghu giet deciza. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti inkolpa lill-imputat Hector Carter waqt li stqarr li qua impjegat tal-Lombard Bank kien ghaddielu l-firem kampjuni tal-imsemmi Haddar wara li ta’ l-ewwel kien qallu li kellu xi kwistjoni ma’ dan u ried jigbor xi flus minghandu. Apparti dan ikkonferma l-kitba tieghu fuq il-formula li ntbaghtet lill-Maltapost fir-rigward il-bdil tal-indirizz (re-direction of post) fil-konfront ta’ Fuchs u stqarr li kien l-imputat Hector Carter li talbu jimlihielu. Semma’ li l-imputati Hector Carter u Charles Cini kienu joperaw negozju flimkien mill-istess fond/garaxx ta’ Had-Attard minn fejn, zied jghid, kien jopera in-negozju tieghu Hector Carter. Dwar in-numru tat-telefon 21417080 registrat fuq dan l-ahhar imsemmi fond/garaxx f’‘United House’ Triq l-Ghenba, Attard, ix-xhud stqarr li kien fuq ismu ghaliex hekk kien talbu Charles Cini minhabba xi kwistjoni familjari li dan kellu. Dwar in-numru tat-telefon (21)374274 ix-xhud ikkonferma li hu installat fir-residenza ta’ missieru fejn kien jirrisjedi u li darba l-imputat Charles Cini kien talabu biex permezz tal-magna tal-fax li kienet provduta mill-istess Cini jibghat fax minn fuq din l-linja tieghu. Jghid li meta ntbghatet kienu prezenti z-zewg imputati Cini u Carter. Dwar in-numru cellulari 9944991(49) jew (44) ikkonferma li kien tieghu. Stqarr li lill-imputat Alexander Farrugia Wismayer sar jafu fis-sena 2001 wara li kien introducihulu l-imputat Charles Cini. Qal li ma kienx jafu hafna pero’ u fl-istess nifs qal li ta’ sikwit kien jiltaqa’ mieghu s-Sibtijiet filghaxija gewwa Paceville. Dwar il-gia’ msemmi Adrian Said jghid li gieli sema’ ismu minghand Hector Carter li kien darba qallu li jghix l-Albanija; hu pero’ ma kienx jafu.

L-imputati xehdu u irribattew dak li stqarr dan Marco Attard. Apparti huma pero’ xehdu wkoll xi persuni prodotti minnhom. Minn dina x-xhieda tat-terzi prodotti jirrizulta li l-gia’ ko-imputat Marco Attard kien jaghmel uzu tal-kamra mikrija lill-Hector Carter f’ Tal-Pieta’. Izda aktar minn hekk giet esebita affidavit guramentata ta’ Ali Haddar (minn esebit f’kawza civili) li tafferma li lill-imputat Hector Carter la jafu u lanqas qatt kellu jtieh xi flus.

Dan wahdu juri, l-aktar fil-konfront tal-imputat Hector Carter, pero' mhux biss, li x-xhieda ta' l-imsemmi Marco Attard hija inattendibbli b'daqstant li l-Qorti mhux qed tqisa veritiera u ser tordna li jittiehdu proceduri kontra tieghu ghall-spergur. Jigi hawnhekk notat wkoll li dan ix-xhud jinkwarda fit-truffa ta' Ali Haddar, f'dik ta' Fuchs u possibilment, anzi bil-wisq probabbli, f'dik ta' Cini, tal-ahhar minhabba t-talba tar-'redirection of post' fejn ta' l-ewwel tipprecedi t-tieni, dan apparti l-fax li ntbatghet mill-linja telefonika tad-dar ta' residenza tieghu.

Intant, huwa appena sufficjenti li jinghad li stqarrijiet, precedentement maghmula mill-imsemmi Mark Attard, joghdu biss fil-konfront ta' minn ikun ghamilhom. Apparti dan presunzjonijiet u spekulazjonijiet m'ghandomx locus f'kawzi kriminali fejn il-prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni. Il-prova tal-possibli u probabbli mhiex koncessa lilha, kuntrarjament ghall-oneru tal-prova spettanti lill-imputat li bizzejjed li twassal sal-grad tal-probabbli.

Issa, dwar l-imputat Charles Cini u Alexander Farrugia Wismayer l-Qorti thoss, apparti x-xhieda skreditata ta' Mark Attard, li l-provi ma jaslux ghall-prova minghajr dubbju dettata mir-raguni. M'hiex f'posizzjoni tghid minn ittenta l-ikkupjar tal-firem ta' Fuchs u Cini u hawn mhux eskluz li seta' ghamilhom l-gia' ko-imputat Marco Attard. Lanqas ghal dak li jirrigwarda lil Fuchs m'hemm prova li l-imputat Farrugia Wismayer acceda ghal-firma kampjun tieghu fl-10 ta' Dicembru 2002, meta fil-bank kien prezenti l-imputat Charles Cini, liema firma sussegwentement intuzat fl-ittra/fax li ntbghatet lill-Bank fil-23 ta' Dicembru tal-istess sena. Interessanti wkoll huwa n-numru originanti mill-Jugoslavia li fuqu ntbghatet il-fax lill-Bank of Valletta International li hu l-istess ghal dawk li ntbghatu fil-konfront tal-AirMalta u l-Playmobil.

Konsegwentement, anka fir-rigward dawn l-imputati l-Qorti mhux ser issib htija.

Filwaqt ghalhekk li qeghda tillibera lill-imputati odjerni qeghdha tordna li jittiehdu l-opportuni proceduri ghall-

spergur fil-konfront tal-gia’ ko-imputat Marco (Marco Antonio) Attard ai termini tal-Artikolu 523 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------